

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Mejju 2016 – Stagecoach Group vs EUIPO (MEGABUS.COM)**(Kawża T-805/14)<sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MEGABUS.COM — Raġunijiet assoluti għal rifiut — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Rikors manifestament inammissibbli u manifestament infondat fid-dritt”]

(2016/C 260/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Stagecoach Group plc (Perth, ir-Renju Unit) (rappreżentant: G. Jacobs, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-7 ta' Ottubru 2014 (Każ R 1894/2013-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali MEGABUS.COM bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala, parzialment, manifestament inammissibbli u, parzialment, manifestament infondat fid-dritt.
- 2) Stagecoach Group plc hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 34, 2.2.2015.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tat-23 ta' Mejju 2016 – Pari Pharma vs EMA**

(Kawża T-235/15 R)

[“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti miżmuma mill-EMA fir-rigward ta’ informazzjoni mogħtija minn impriżza fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħha għall-awtorizzazzjoni ta’ tqegħid fis-suq ta’ prodott mediciinali — Digriet li jagħti ss-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li jingħata aċċess lil parti terza għal dokumenti — Talba ta’ rtirar — Nuqqas ta’ tibdil fiċ-ċirkustanzi — Artikolu 159 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ĝeneralni”]

(2016/C 260/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pari Pharma GmbH (Starnberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Epping u W. Rehmann, avukati)

Konvenuta: L-Āgenzija Ewropea għall-Mediċini (rappreżentanti: T. Jabłoński, N. Rampal Olmedo, A. Spina, A. Rusanov u S. Marino, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Novartis Europharm Ltd (Camberley, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. Schoonderbeek, avukat)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 159 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ĝeneralu u intiża sabiex tikseb l-irtirar tad-digriet tal-1 ta' Settembru 2015, Pari Pharma vs EMA (T-235/15 R, EU:T:2015:587), li permezz tiegħu ngħatat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni EMA/271043/2015 tal-EMA, tal-24 ta' April 2015, li tagħti lil parti terza, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal-ċerti dokumenti li fihom informazzjoni sottomessa fil-kuntest ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediciinali Vantobra.

## Dispożittiv

- 1) It-talba intiża sabiex tikseb l-irtirar tad-digriet tal-1 ta' Settembru 2015, Pari Pharma vs EMA (T-235/15 R, EU:T:2015:587) hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

## Digriet tal-Qorti Ĝeneralu tal-10 ta' Mejju 2016 – Volkswagen vs EUIPO – Andrā (BAG PAX)

(Kawża T-324/15)<sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta’ skadenza — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea  
BAG PAX — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 15(1)(a) u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE)  
Nru 207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-drift”]

(2016/C 260/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrenti: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: U. Sander, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċiju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralu: Marvin Dominic Andrā (Saarlouis, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Dohmen, avukat)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-23 ta' April 2015 (Każ R 1971/2014-4), dwar proċedimenti ta' skadenza bejn Volkswagen u BAGPAX Cargo Systems.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Volkswagen AG hija kkundhannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 270, 17.8.2015.